**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**MAĠISTRAT**

**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**

***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***

***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru 14/2018 CFF**

**Carmen German**

**Vs**

**Rita Cassar**

**Illum 14 ta' Frar 2023**

**Il-Qorti;**

Rat **ir-rikors** ta' Carmen German fejn esponeniet:

Illi Rita Cassar il-konvenuta ghandha tirritorna l-oggetti konsistenti f'hagar prezzjuz, gojjellerija u oggetti ohra ta' valur kif elenkati fid-dokument hawn anness u mmarkat bhala Dok CG1, liema oggetti kienu moghtija lilha mir-

rikorrenti bil-patt u l-kundizzjoni li hi toffri s-servizz ta' live-in carer lir-rikorrenti b'mod esklussiv u b'mod permanenti, liema ftehim hija ma onoratx.

Ghal finijiet ta' kompetenza jigi dikjarat li l-valur ta' l-oggetti msemmija ma jeccedix is-somma ta' €7000.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet, u l-intimata ingunta ghas-subizzjoni.

Illi permezz ta' risposta l-konvenuta Rita Cassar eccepiet is-segwenti:

1. Illi t-talba tar-rikorrenti hija infondata fil-fatt u fid-dritt u l-esponenti tikkontesta l-pretensjonijiet kollha tar-rikorrenti;

2. Illi fil-mertu, mhux minnu illi l-oggetti konsistenti f'hagar prezzjuz, gojjellerija u oggetti ohra gew moghtija mir-rikorrenti bil-patt u l-kundizzjoni li l-intimata toffri s-servizz ta' live-in carer lir-rikorrenti b'mod esklussiv u b'mod permanenti u dan kif ser jigi ampjament ippruvat waqt il-mori tal-kawza;

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti, li hi minn issa ingunta in subizzjoni, kif ukoll b'rizerva ghal kull azzjoni ohra kompetenti lill-esponenti skond il-ligi.

Semgħat ix-xhieda ta' Carmen German, ta' l-Ispettur Roderick Spiteri, ta' Joyce Xuereb

Rat l-atti tal-kawza u cioe' dokumenti ezebiti fosthom l-affidavits ta' Mariella Green, ta' Rita Cassar u ta' George Cassar, Dok CG1 lista ta' oggetti moghtija lil Rita Cassar minn Carmen German, Dok A ittra ufficcjali datata 22 t'Awissu 2017, Dok C Ftehim ta' impjieg bejn l-attrici u l-konvenuta, Dok RS1 u Dok RS2 rapporti datati 28 ta' Lulju 2017 u 6 ta' Ottubru 2017 rispettivament, Dok RC1 employment history tal-konvenuta, Dok RC2 payslips tal-

konvenuta, Dok RC3 stima ta' l-oggetti moghtija mill-attrici lill-konvenuta fl-ammont ta' erbat elef seba' mija u tmenin Ewro (€4780), Dok RC4 stqarrija rilaxxata lill-Pulizija mill-konvenuta datata 3 ta' Settembru 2017.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

**Fatti tal-Kaz**

Illi l-konvenuta ghamlet zmien tahdem mal-Gvern bhala carer u tramite x-xoghol taghha hija ltaqghet mal-attrici u l-attrici kienet tmur tghin lill-attrici peress illi huha kien bedridden. Jirrizulta li hija kienet taghmel dan ix-xoghol ghaliex kienet saret close ta' l-attrici u dan ix-xoghol kienet taghmlu bla hlas. Kemm l-attrici u kemm il-konvenuta kienu jirrispettaw hafna lil xulxin u eventwalment il-konvenuta bdiet tmur tghin lill-attrici aktar ta' spiss sakemm offriet li timpjegaha maghha bhala carer. Eventwalment fis-sena 2017 l-attrici impjegat lill-konvenuta maghha, u maghha ghamlet biss ftit xhur peress li ftit wara r-ragel taghha fetah hanut, u l-konvenuta kienet qed tmur ta' spiss il-hanut tar-ragel taghha u ma setghetx izzomm l-impjieg ma' l-attrici. Fil-fatt ghal dan il-ghan kienet saret skrittura quddiem avukat imma z-zewg partijiet jaqblu li t-tnejn li huma kienu flessibbli u ma kienux necessarjament jimxu ma' l-istess skrittura. Jirrizulta li z-zewg partijiet jaqblu wkoll li l-attrici ghaddiet ammont ta' gojjelli prezzjuzi lill-konvenuta. Madanakollu l-partijiet ma jaqblux fuq il-perjodu meta dawn il-gojjelli ghaddew mill-attrici lill-konvenuta, u li skond l-attrici dawn il-gojjelli tathom lill-konvenuta diment li tibqa' toffri s-servizzi taghha lilha bhala carer u l-konvenuta tghid li dan mhux il-kaz ghaliex l-oggetti prezzjuzi nghataw lilha bhala ringrazzjament ta' dak kollu li hija ghamlet ma' l-attrici.

**Ikkunsidrat**

Illi din il-kawza tistrieh biss fuq il-kredibilita' tax-xhieda, fuq l-apprezzament li din il-Qorti trid taghmel principalment fuq id-deposizzjonijiet taghhom. Dwar il-provi li ghandha tressaq l-attrici din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet

*'Joseph Tonna vs Philip Azzopardi'* deciza nhar it-tnax (12) t'April, 2007 mill-Onorevoli Imhallef Dr. Philip Sciberras fejn inghad illi:

*"In materja ta' provi, r-regoli l-aktar prevalenti fl-ordinament guridiku taghna jidhru li huma dawn:*

*a) Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova tal-ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (actori incumbit probatio), sija fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta l-pretiza ta' l-attur (reus in excipiendo fit actor) – Ara Vol. XLVI/i/5*

*b) Fil-kors tal-kawza dan il-piz jista' joxxilla minn parti ghall-ohra, ghax, kif jinghad, 'jista jkun gie stabbilit fatt li juri prima facie li t-tezi tal-attur hija sostenuta' – Ara Vol. XXXVII/i/577;*

*c) Il-gudikant adit mill-meritu tal-kaz hu tenut jiddeciedi iuxta allegata et probata, u dan jimporta illi d-decizjoni tieghu tigi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jigifieri, minn dawk ic-cirkustanzi tal-fatti dedotti ghab-bazi tad-domanda jew tal-eccezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piz tal-provi ssir bazi tar-regola legali tal-gudizzju in kwantu timponi fuq il-gudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru ghax mhux ippruvat;*

*d) Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-principju tal-konvinciment liberu tal-gudikant. Lilu hu moghti l-poter diskrezzjonali tal-apprezzament tar-rizultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaza l-konvinciment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu. Naturalment dik id-diskrezzjoni tieghu hi soggetta ghal dak il-limitu legali impost fuqu mill-Artikolu 218 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura*

> *Civili li jrid li fis-sentenza tinghata motivazzjoni ragonata li tikkonsenti l-kontroll tal-hsieb logiku segwit fuq appell interpost mis-sentenza. Motivazzjoni din, li jekk jinstab li tirrispondi mal-logika u r-razzjonalita', kif ukoll koerenti mal-elementi utilizzati allura skont gurisprudenza konkordi, ma tigix disturbata minn Qorti ta' revizjoni – Ara b'ezempju Ramchand Kilumal noe vs Jessie Blanco – App. 30 ta' Gunju, 1912 (Vol. XXIV/i/ 104)";*

Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju m'huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-preponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet.

Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali, fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli.

Il-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant. (Vide *George Bugeja vs Joseph Meilak* deciza 30 t'Ottubru 2003 PA).

Issa fil-kaz *de quo* l-attrici qed tghid li tat l-oggetti prezzjuzi lill-konvenuta bil-kundizzjoni li hija tibqa' toffri s-servizzi ta' carer lill-attrici. Il-konvenuta tghid li dan mhux minnu ghaliex dawn l-oggetti nghataw lilha b'ringrazzjament tax-xoghol li ghamlet u zzid li jirrizulta li dawn l-oggetti nghataw lilha meta hija kienet ghadha ma bdietx l-impjieg ma' l-attrici.

Rigward dan l-attrici issostni li hija tat dawn l-oggetti diment li ma ssirx xi vendikazzjoni min-naha tal-konvenuta lilha ghax inkella tkun trid l-affarijiet lura, u tghid li tathom lill-konvenuta wara li bdiet l-impjieg maghha.

Madanakollu l-konvenuta tghid li dawn l-oggetti nghataw lilha mill-attrici meta hija kienet ghadha qeghda taghmel xi xoghol lill-attrici minghajr interessi u hlas u dan kien fis-sena 2016. L-impjieg taghha ma' l-attrici beda fis-sena 2017 u dawn l-oggetti kienu diga' nghataw lilha u dan peress li fis-sena 2017 hija kienet qeghda taghmel ix-xoghol ta' carer ma' l-attrici bi hlas.

L-attrici tghid li dawn nghataw meta l-konvenuta kienet qeghda tahdem maghha u allura dawn l-oggetti prezzjuzi nghataw bil-patt u l-kundizzjoni li l-konvenuta tibqa' fl-impjeg maghha. Jirrizulta mill-process a fol 54 tal-process li l-attrici fir-rapport li ghamlet lill-pulizija dwar l-oggetti li hi tat lill-konvenuta, li ghamlet *update* u tghid li tat dawn l-oggetti lill-konvenuta Rita Cassar fl-ewwel erba' (4) xhur tas-sena 2016. Issa l-attrici tghid li din l-informazzjoni hija qatt ma tatha lill-pulizija. Jidher li l-*update* f'din l-okkorrenza saret mill-Ispettur Roderick Spiteri, u meta xehed l-istess Spettur fis-seduta tat-2 t'Ottubru 2019 jidher li qatt ma gie mistoqsi dwar dan il-fatt biex jiccarah. B'zieda ma' dan l-istess konvenuta tghid li dawn l-oggetti nghataw lilha meta hija kienet ghadha mhux impjegata ma' l-attrici, izda kienet ghadha qed tghinha minghajr interessi u cioe' fis-sena 2016. Jirrizulta skond id-dokument a fol 81 tal-process li l-konvenuta bdiet tahdem ma' l-attrici full-time fit-23 ta' Jannar 2017. Hija ttenni fl-affidavit taghha dan il-fatt li l-oggetti nghataw lilha b'ringrazzjament ta' l-ghajnuna li kienet qeghda tati lill-attrici fis-sena 2016, fatt li ikkonfermatu snin qabel, fit-3 ta' Settembru 2017 waqt l-istqarrija li hi tat lill-Pulizija. Ghalhekk il-verzjoni tal-konvenuta ghanda aktar mill-probabbli u ghalhekk din il-Qorti qed tasal ghall-konkluzjoni li fil-fatt l-oggetti prezzjuzi nghataw lill-konvenuta mill-attrici, mhux meta kienet qeghda fl-impjieg maghha izda fis-sena 2016 meta l-konvenuta kienet ghadha qed taghti l-attrici ghajnuna minghajr interessi.

L-attrici tghid li hija tat lill-konvenuta dawn l-oggetti bil-patt li hi ma taghmliliex xi vendikazzjoni. Jidher li r-relazzjoni bejn il-partijiet twaqqfet ghaliex il-konvenuta kellha bzonn tibdel ix-xoghol biex hi tibda tassisti lir-ragel taghha fil-hanut tieghu, u hemmhekk l-attrici ma haditx gost. Din bl-ebda mod ma tirrizulta li hi xi forma ta' vendikazzjoni lil din il-Qorti, ghalhekk certament ma hix donazzjoni li tista' tithassar ai termini ta' l-Artikolu 1785 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Decide:**

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti tichad t-talbiet ta' l-attrici Carmen German u tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta Rita Cassar, bl-ispejjez kontra l-attrici.**

**Dr. Caroline Farrugia Frendo**
**Magistrat**

**Maria Grech Cardona**
**Deputat Registratur**